

31971L0086

L 36/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.2.1971

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-1 ta' Frar 1971
fuq l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet bażiċi fir-rigward tal-garanzji għall-negozji fil-qosor
(riskji politiċi) ma' xerrejja pubbliċi jew ma xerrejja privati

(71/86/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi l-kreditu ta' l-esportazzjoni huwa ta' importanza primarja fil-kummerċ internazzjonali u huwa strument importanti tal-politika kummerċjali;

Billi d-diversi sistemi ta' assigurazzjoni fuq il-kreditu għall-esportazzjoni fis-seħħ fl-Istati Membri jistgħu jgħallqu xkiel fil-kompetizzjoni bejn l-impriżi tal-Komunità fis-swieq ta' pajjiżi terzi;

Billi l-armonizzazzjoni tad-diversi sistemi ta' l-assigurazzjoni fuq il-kreditu ta' l-esportazzjoni tista' tiffaċilita l-kooperazzjoni fid-diversi Stati Membri;

Billi l-armonizzazzjoni tista' tintlaħaq, skond it-tipi differenti ta' negozju, jew permezz ta' politiki komuni jew permezz ta' dispożizzjonijiet komuni dwar dawk l-elementi li huma bażiċi fejn għandha x'taqsam il-kompetizzjoni;

Billi fil-preżent in-negozji garantiti jirrapreżentaw, bejn wieħed u l-ieħor, perċentwal żgħir ta' l-esportazzjonijiet fil-qasam fil-qosor milli jagħmlu fil-qasam medju;

Billi, minbarra dan, dan huwa settur fejn joperaw il-kumpanniji ta' kreditu privat ta' l-assigurazzjoni, u billi jidher xieraq għalhekk li l-armonizzazzjoni tkun limitata biss biex tkopri r-riskji politiċi;

Billi jidher għalhekk xieraq li ma tkunx aċċettata l-idea li titħejja polza komuni u biex l-armonizzazzjoni tkun limitata għal dawk l-elementi li huma bażiċi safejn hija konċernata l-kompetizzjoni;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness D tad-Direttivi tal-Kunsill Nru 70/509/KEE u 70/510/KEE 1 tas-27 ta' Ottubru 1970, l-Istati Membri għandhom jadottaw dawn il-miżuri bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrazzjoni kif jista' jkun meħtieġ biex jiddaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet armonizzati għan-negozji fil-qosor preskritti fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li organizzazzjonijiet tal-kreditu ta' l-assigurazzjoni li jggarantixxu fisem jew bl-appoġġ ta' l-Istat jassiguraw trasazzjonijiet li jaqgħu fl-iskop tad-dispożizzjonijiet armonizzati, skond il-kondizzjonijiet preskritti f'dawk id-dispożizzjonijiet u dawk ir-regoli li huma adottati mill-Kunsill.

Artikolu 3

1. Tkun xi tkun il-polza użata, id-dispożizzjonijiet armonizzati għandhom japplikaw għal negozji li:

- jinkludu jew riskju ta' kreditu ta' anqas minn erbgħa u għoxrin xahar, jew riskju tal-kreditu u riskju ta' manifattura garantita fejn il-perjodu kumulattiv huwa anqas minn erbgħa u għoxrin xahar; ir-riskju tal-manifattura, iżda, m'għandux ikun anqas minn 12-il xahar;
- huma konklużi ma' xerrej pubbliku jew ma' xerrej privat;
- huma fuq bażi ta' kreditu tal-fornitur.

2. Id-dispożizzjonijiet armonizzati b'din id-Direttiva jirrigwardaw biss il-garanzija fir-rigward tar-riskji politiċi. ⁽¹⁾

3. Id-definizzjonijiet ta' "xerrej pubbliku" u "xerrej privat" li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva Nru 70 509/KEE u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva Nru 70 510/KEE għandhom jgħoddu rispettivament.

Artikolu 4

Il-Kumitat ta' Pariri għall-Assigurazzjoni ta' Kreditu ta' Esportazzjoni, stabbilit skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva Nru 70 509/KEE, jista' jkun kkonsultat mill-Kummissjoni fuq kull problema dwar l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Frar 1971.

Fisem il-Kunsill

Il-President

M. SCHUMANN

⁽¹⁾ ĠU L 254, tat-23.10.1970, pp. 1 u 26.

L-ANNESS

DISPOSIZZJONIJET ARMONIZZATI DWAR GARANZIJI GĦAL NEGOĴJI FIL-QOSOR (RISKJI POLITIĊI) MA' XERREJJA PUBBLIĊI JEW MA' XERREJJA PRIVATI*Artikolu 1***Definizzjoni tar-riskju tal-kreditu**

Id-definizzjoni li għandha tkun inkluża fil-poloż m'għandhiex tkun provduta għal perjodu ta' kwalifika għal talbiet aqsar minn sitt xhur.

*Artikolu 2***Lista ta' ġrajjiet li jikkostitwixxu kawża ta' telf**

Il-lista bażika għandha tikkompreni l-ġrajjiet Ċ sa H inklużi kif provdut fl-Artikolu 3 tal-Poloż Komuni għal Negożji f'terminu medju jew fit-tul max-Xerrejja Pubbliċi u max-Xerrejja Privati, u, fil-każ ta' xerrejja pubbliċi, inkluż ukoll il-ġrajja B ta' l-Artikolu 3 tal-Polza Komuni għal Negożji f'Terminu Medju u fit-Tul ma' Xerrejja Pubbliċi.

Il-lista bażika għandha, iżda, tkun emendata mill-organizzazzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu iżda din l-emenda ma tinvolvi estenzjoni tal-kopertura lil hinn minn dik mogħtija skond il-lista fuq imsemmija.

*Artikolu 3***Estenzjoni tal-garanzija**

Il-garanzija għandha tgħodd għall-ammont dovut lill-assigurat f'kapital u imgħax, eskluż l-imgħax fuq l-arretrati, il-penali u d-danni pagabbli lid-debitur.

*Artikolu 4***Perċentwal garantit**

L-assigurat innifsu għandu jżomm eslussivament għal kont tiegħu r-responsabbiltà għas-sehem mhux garantit mill-organizzazzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu.

*Artikolu 5***Prinċipji ġenerali ta' indennizz**

Il-prinċipji li ġejjin għandhom ikunu osservati:

- (a) L-assigurat għandu jenħtieġ, fir-rigward tal-konklużjoni u l-prestazzjoni tan-negożju garantit li jaġixxi bl-attenzjoni raġonevoli u tas-soltu, ħila u previdenza; din il-ħtieġa għandha tgħodd ugwalment għall-aġir ta' l-aġenti tiegħu, ko-appaltatur jew sub-appaltatur;
- (b) L-assigurat għandu jkun responsabbli għall-kisba ta' l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa u għat-tlestija ta' formalitajiet legali (inkluż dawk li huma obbligatorji għad-debitur sakemm il-kuntratt jidħol fis-seħħ);
- (c) Djun invalidi m'għandhomx ikunu indennizzati.

*Artikolu 6***Prinċipji ġenerali għall-appropriazzjonijiet ta' ħlasijiet riċevuti u mir-rikavat mir-realizzazzjoni tal-garanziji**

Il-poloż għandhom jinkludu dawk ir-regoli għall-appropriazzjoni li jiżguraw li kull pagament jew irkupru li jkunu riċevuti mill-assigurat ma' jkunux approprijati għal djun mhux garantiti bi prijorità għad-djun garantiti.

*Artikolu 7***Prinċipji ġenerali għall-irkupru**

Il-poloż għandhom josservaw il-prinċipju li l-irkupru jitqassam bejn l-organizzazzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu u l-assigurat.